# DAR B'ZEWG NISA

Kwadrett ta' Vic. Apap

FREDU u Pawlu ma kellhomx ħajra għaż-żwieġ: kienu jgħixu għal żaqqhom u għax-xalar xieraq, mill-bqija ma ħabblu rashom qatt biex ikollhom mara tagħhom. Kienu żewġ aħwa li trabbew bi fsied kbir u li sa ma miet missierhom ma tbegħdux passejn minnu. Meta, imbagħad, sefgħu ltiema u bir-riedni tal-ħajja f'idejhom, id-dinja għalihom kienet bħal mirbuħa. Il-maħżen fix-Xatt tal-Belt, fejn kien jaħdem ta' neguzjant missierhom, waqa' f'idejhom, u bil-għaqal kbir li kienu wirtu minn ħalib ommhom, issoktaw ikabbru n-negozju u jimxu 'l quddiem ġmielhom.

Kull fejn kont tara lil Fredu ma kontx tonqos li tara miegħu lil Pawlu, għax aktar minn żewġ aħwa, kienu qishom ħbieb tal-qalb; kienet ħbiberija li ma tantx wieħed jiltaqa' magħha bejn nies ta' familja waħda.

It-tijatru nhar ta' Sibt fil-għaxija kien l-hena tagħhom: kienu jissieħbu għal żewġ pultruni minn sena għal oħra, għax l-opri u l-mużka kienu jinħallu għalihom. Fit-tijatru ġie li għajnejhom waqgħu fuq xi xbejba li kienu jiltaqgħu magħha, iżda malli kien jaħbat sa jinbet f'moħħom il-ħsieb taż-żwieġ, kienu jtajruh mill-ewwel billi għalihom it-tnejn, egħżeż minn kollox, kienet l-imħabba ta' bejniethom.

Kif jiġri dejjem fil-ħajja, meta wieħed jibda joqrob lejn l-erbgħin sena u jkun għadu għażeb, ġewwa fih għandu jħoss bħal baħħ li ebda raġel ieħor ma jkun jista' jimlihulu, imqar jekk dar-raġel ikun għażiż għalih daqs il-mimmi ta' għajnejh. Hekk ġara wkoll liż-żewġ aħwa tagħna; u mingħajr ma qalu kelma lil xulxin, kienu bdew jaħsbu u jifhmu li fid-dar kienet tinħtieġ mara, ma' min ikunu jistgħu jiftħu qalbhom, u biex din tibda fl-istess ħin teħdilhom ħsieb ħwejjiġhom u t-tmexxija tad-dar.

L-ewwel ma wasal biex itarraf xi ħaġa fuq hekk kien Fredu.

"Kont qed naħseb, Pawl," beda biex igħid, "li aħna għad nixjieħu u ma jkollna 'l ħadd ta' ġewwa biex jieħu ħsiebna u jdur bina."

"Għax tgħid," qabel miegħu Pawlu, "ġie li għadda minn

moħħi wkoll dal-ħsieb, imma dejjem warrabtu għax għedt li issa jien kbirt wisq biex naħseb għaż-żwieġ."

"Jiena wkoll ħsibt bħalek, l-aktar imma li żammni ma niżżewwiġx hu għax kieku ma nixtieqx ninfired minnek."

"Għalija taħseb xejn, ħi. Mhux għax ma nħosshiex il-firda minnek, iżda jien l-aqwa li narak tgħix hieni u miġbur f'darek."

"Min jaf, Pawl, kieku jiżżewweġ wieħed minna u nibqgħu ngħammru f'did-dar flimkien?"

"Kieku din hi l-isbaħ ħaġa li nistgħu nagħmlu; imma ntennilek, lili tqisnix għaż-żwieġ: jien issa għoddni xellifthom l-erbgħin."

Dak in-nhar il-kliem fuq iż-żwieġ waqaf hawn, imma ftit ġimgħat wara, Fredu qabad ikellem lil Ester — bint it-tabib ta' biswithom — u f'qasir żmien tgħarras u beda jidħol f'dar il-għarusa. Billi sew Fredu kemm Ester ma kenux żgħar u ma kellhomx x'joqogħdu jistennew, huma tejġu wara ftit xhur li kienu ilhom li tgħarrsu.

Għal Fredu bdiet ħajja ġdida: b'mara għal min jaħseb u b'hena ġdida li ma kienx għadu daq bħalha f'għomru kollu. Ester, ħawtiela u fuq tagħha, daret dawra sewwa mad-dar, qassmet l-għamara kif dehrilha hi, xtrat purtieri ġodda u warrbet il-qodma, firxet twapet moderni, ġiegħlet li l-bibien u t-twieqi jinżebgħu kannella u l-ħitan jitbajdu lewn il-ġebla, sebbħet il-kamra tal-banju, żiedet fid-dawl elettriku u għamlet dak it-tibdil kollu li kien jidhrilha meħtieġ biex tirranġa d-dar. Il-ward fil-kmamar, imbagħad, ma kien jonqos qatt.

Fredu nefaq flus aktar milli kien jaħseb, imma meta kien jara kemm kollox kien qed isir għall-aħjar tad-dar, ma kienx iħabbel rasu, anzi beda jħajjar lil martu hu stess biex kull ħaġa tagħmilha mill-aħjar.

Pawlu feraħ ukoll u sata' jifhem issa kif trid tassew tkun mara biex iżżomm id-dar ħajja u fl-hena li jixirqilha. L-imħabba ta' ħuh għal Ester, u l-ġibda u l-ħsieb ta' Ester għal Fredu, qanqlu f'qalb Pawlu dik il-ħajra għaż-żwieġ li kien ilu joħnoq fih minn żmien. Dik it-tqanqila żżarġnet ġmielha f'Pawlu, u issa ma kienx jara l-ħin li jkun jista' jiżżewweġ u jkollu mara f'min jaħseb l-istess bħalma kellu ħuh.

Wara xi żmien, sab lil ħuh u qallu:

"Kos, ħi, inħossni tħajjart minnek u qed naħseb biex niżżewweġ jien ukoll."

"Ma tistax tagħmel ħaġa aħjar," qabeż qallu Fredu bil-ferħa. "Id-dar b'Ester marret hekk 'il quddiem, aħseb u ara meta jkollna żewġ nisa!"

"Xejn xejn Ester ikollha mara oħra ma' min tgħid kelma," issokta Pawlu, "u ngħixu henjin l-erbgħa flimkien."

Iżda dak li ħolmu weħidhom iż-żewġ aħwa ma seħħx. Meta fid-dar tlaqqgħu n-nisa tagħhom, qam infern li f'ħajjithom ma kienu basruh qatt. Dak li kienet tagħmel Ester kienet tara kif tmissu u tbiddlu Rożina; dak li ssajjar Rożina kien ikun nieqes mill-melħa għal Ester. U jekk waħda trid abjad, l-oħra kienet tgħid li aħjar iswed; u sejrin dejjem f'din il-ħajja ta' inkwiet u tgergir minn wara dahar xulxin, u ta' tmellis u bews fil-wiċċ b'għawi minn taħt. Saħansitra l-qaddejja — li kienu ilhom is-snin fid-dar — qabdu jitfantsu u tawhom is-sensja. Kif setgħu joqogħdu magħhom jekk biex jogħġbu lil waħda kienu jafu li jkunu qegħdin inaffru 'l oħra? U lit-tnejn ma setgħu jogħġbuhom qatt, għax dak li hu tajjeb għal waħda kien dejjem ħażin għall-oħra.

Fredu u Pawlu ndunaw bis-saram li kien inqala', imma stħaw minn xulxin jitkellmu fuq hekk bejniethom.

Darba n-nisa ma qablux fuq fettuqa tad-dar u qabdu jgergru għal xulxin; mill-garr waslu biex qalu xi kelmtejn ebsin waħda 'll-oħra, u minn hekk baqgħu sa ma deffsu 'l żwiegħom fin-nofs. L-irġiel, boloh li huma, żammew man-nisa tagħhom u fid-dagħdigħa xeħtu ftit tajn ta' kliem li ma kien jixraq lil ħadd minnhom. Dik il-lejla, kulħadd kiel għal rasu u ngħabru fil-kmamar tagħhom bla ma xtaqu 'l xulxin "il-lejl it-tajjeb" bħas-soltu.

Iżda l-għada fil-għodu, Fredu u Pawlu kellhom jiġu wiċċ imb wiċċ fil-maħżen tagħhom ix-Xatt. Meta raw lil xulxin, wiċċhom ħmar daqs pepprina u għajnejhom ħarbu l-ħars wieħed ta' l-ieħor.

Meta x-xogħol batta, Fredu, mingħajr ma għolla għajnejh minn fuq il-karti ta' quddiemu, kiser is-skiet ta' bejniethom:

"Nixtieqek taħfirli Pawl jekk il-bieraħ weġġajtek b'xi kelma."

"Jien ma weġġajtekx ukoll bi kliem ieħor?" qabeż Pawlu li f'dak il-ħin ħass bħal jonqoslu toqol minn fuq l-istonku, "Qatt ma kont nobsor li żewġ nisa barranin kellhom il-ħila jġellduna."

"U dak li dejjem għamilna biex ma jiġrix, il-ġlied, ġibuna fih in-nisa tagħna."

"Jaqblilna mela, ħi," qal Pawlu fil-ħin li għafas id ħuh bejn idejh, "li kull wieħed minna jmur joqgħod għal rasu."

Ftiehmu bejniethom l-aħwa, sabu dar kull wieħed, u meta lestewhom minn kollox, kemm qalu lin-nisa tagħhom biex jaħsbu għall-ġarr tal-għamara.

Għall-ewwel in-nisa ndiehxu u sogħob bihom li żwieġhom kienu hejjew kollox minn wara daharhom, imma quddiem xulxin żammew ruħhom daħkana u wrew li huma hienja b'dak li tlesta mill-irġiel. Aktar tard draw b'dar għalihom fejn kull waħda setgħet tilgħabha ta' reġina bla biża' li jkun hemm min imeriha u jgħawġilha l-ordnijiet tagħha.

Fredu u Pawlu għaxu henjin ukoll u baqgħu ħbieb daqs qabel. L-ewwel darba li kienu l-maħżen ix-Xatt u ġiebu l-kliem fuq djarhom, qablu bejniethom li mara f'dar iġġibha 'l quddiem mitt sena, imma żewġ nisa f'dar waħda jagħmluha infern f'din id-dinja.